

## Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura għal Talbiet Żgħar - Olanda

Introduzzjoni

Liema tariffi japplikaw?

Kemm għandi nħallas?

X'jiġri jekk ma nħallsx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

### Introduzzjoni

It-talbiet skont il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ir-Regolament (KE) [Nru 861/2007](#), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009) għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni taħt ir-regoli ordinarji tal-ġurisdizzjoni *ratione loci* permezz tal-[Formola A](#). Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija mfassla sabiex tissimplifika u tħaffef it-talbiet transfruntiera sa massimu ta' EUR 5 000. Ir-Regolament japplika fost l-Istati Membri kollha tal-UE, bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija disponibbli għal-litiganti bħala alternattiva għall-proċeduri li jeżistu skont il-liġijiet tal-Istati Membri. Sentenza mogħtija fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija rikonoxxuta u eżegwibbli fi Stat Membru ieħor mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà u mingħajr ebda possibbiltà ta' oppożizzjoni għar-rikonoxximent tagħha.

Ġew imfassla formoli standard għall-Proċedura għal Talbiet Żgħar fil-lingwi kollha tal-UE. Il-Formola A trid timtela biex tinbeda l-proċedura. Kwalunkwe dokument ta' sostenn rilevanti, bħal riċevuti u fatturi għandu jiġi mehmuż mal-formola.

L-unika raġuni għalfejn l-eżekuzzjoni fi Stat Membru ieħor tista' tiġi miċħuda hija jekk ma tkunx kompatibbli ma sentenza oħra fl-Istat Membru l-ieħor li ngħatat bejn l-istess partijiet. L-eżekuzzjoni sseħħ skont ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali tal-Istat Membri fejn se tiġi eżegwita s-sentenza.

### Liema tariffi japplikaw?

L-ammont tat-tariffi tal-qorti jiddependi mill-ammont tat-talba jew applikazzjoni. Ara wkoll: Kemm għandi nħallas?

### Kemm għandi nħallas?

It-tariffi applikabbli għall-2019 huma mfissra kif ġej:

In-natura jew l-ammont tat-talba jew applikazzjoni	Tariffi tal-qorti għal persuni ġuridiċi	Tariffi tal-qorti għal persuni fiżiċi	Tariffi tal-qorti għal dawk li m'għandhomx mezzi
Kawżi marbuta mat-talba jew applikazzjoni: - Ta' ammont indeterminat, jew - Li jinvolvi ammont ta' mhux aktar minn EUR 500	EUR 121	EUR 81	EUR 81
Kawżi marbuta mat-talba jew applikazzjoni li jinvolvu ammont ta' aktar minn:	EUR 486	EUR 231	EUR 81

EUR 500 u mhux iktar minn EUR 12 500			
---	--	--	--

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ara: [Is-sistema ġudizzjarja tan-Netherlands](#) u [Il-Bord Netherlandiż għall-Għajnuna Legali](#).

#### X'jiġri jekk ma nħallsx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

It-tariffi tal-qorti jridu jiġihallu bil-quddiem. Jekk il-ħlas ma jsirx wara xahar, il-kawża tiġi miċħuda u ma tkomplex.

#### Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

Il-fattura mibgħuta tista' tiġihallas permezz ta' trasferiment (elettroniku jew mod ieħor).

#### X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

Wara l-ħlas, il-konvenut jiġi notifikat u jintalab jimla l-formola u jibgħatha.

#### Foloq relatati

[Ir-Regolament \(KE\) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jstabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar](#)

[Formola A](#)

[Is-sistema ġudizzjarja tan-Netherlands](#)

[Il-Bord Netherlandiż għall-Għajnuna Legali](#)

---

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.

L-aħħar aġġornament: 08/04/2020